MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 21/2007

**Isabella Cilia (I.D. 261163M)**

**VS**

**Robert Cilia**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Jannar 2007, fejn it-Tribunal gie mitlub sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf mitejn u tnejn u tmenin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€1282.72), gja hames mija u hamsin Liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm550.67), rapprezentanti nofs l-ispejjez imhallsa mill-attrici in konnessjoni mat-tfal tal-kontendenti sa' Novembru 2006, liema spejjez iridu jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti skond il-kuntratt ta' separazzjoni taghhom u kwindi l-konvenut hu tenut ihallas

lill-attrici nofs tal-ispejjez skond il-prospett u ricevuti hawn annessi.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tat-8 ta' Gunju 2008, li fiha eccepixxa illi (1) t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dank if ser jigi ppruvat waqt il-kawza, (2) salv eccezzjonijiet ulterjuri. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

**Ikkunsidra** :

Illi l-attrici **Isabella Cini**, waqt ix-xhieda taghha ta' l-4 ta' Ottubru 2007, ipprezentat kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet (Dok IC 1) u ghamlet referenza partikolari ghall-klawsola numru 10 ta' l-istess kuntratt. Hija tikkonferma bil-gurament il-prospett minnha mhejji u tghid illi l-ispejjez inkorsi huma dawk ta' medicina u edukazzjoni bazika taz-zewgt' itfal tal-partijiet. Hija tghid ukoll illi tat lill-konvenut kopja tar-rendikont kif ukoll ta' l-ircevuti ta' l-ispejjez minnha nkorsi.

Illi waqt l-istess xhieda, l-attrici tikkonferma illi l-ispejjez in kwistjoni hallsiethom hi fl-intier taghhom u issa qeghdha titlob nofs is-somma taghhom. Hija zzid illi dawn huma kontijiet mid-data tal-kuntratt 'l quddiem, u wara li giet intavolata din il-kawza baqghu jakkumulaw xi spejjez ohra, apparti l-ispejjez ta' privatijiet, sports u attivitajiet ohra extra kurrikulari tat-tfal illi hija ma kinitx qeghdha tirreklama minghand ir-ragel.

Illi l-konvenut **Robert Cilia**, waqt ix-xhieda tieghu tat-18 ta' Frar 2008 jghid illi l-kura u l-kustodja taz-zewg uliedhom hija kongunta. Huwa jghid illi kemm il-darba kellem lill-ex-mara tieghu sabiex ikun involut fid-decizjonijiet u trobbija tat-tfal pero` qieghed ikun eskluz.

Il-konvenut jghid illi huwa baghat ittra lill-attrici sabiex jinfurmaha li xtaq ikun prezenti meta tixtri l-affarijiet tat-tfal halli jkun jaf xi spejjez ikunu qed isiru fuq it-tfal. Huwa jghid illi gieli kien xtara stationery u affarijiet simili lit-tfal.

Il-konvenut jixhed illi fiz-zmien li qed issir il-claim ghall-hlas da parti tal-ex-mara tieghu, hija kienet taghti l-privatijiet u xi drabi, qabel ma sseparaw, kien hu stess illi kien jaghmlilha l-photocopies li kellha bzonn ghall-privatijiet fl-istess hwienet li taghhom ipprezentat xi ircevuti ghall-hlas.

Il-konvenut jghid illi qabel din il-kawza qatt ma kien ircieva kontijiet, izda hemm xi items li huwa lest li jhallashom u ohrajn li qed jikkontesta.

Ra l-verbal tad-9 ta' April 2008 li fih id-difensuri tal-partijiet fil-presenza tal-istess partijiet qablu illi fil-mori ta' din il-kawza l-konvenut hallas is-somma ta' erba` mija u hamsa u sittin Euro (€465) ekwivalenti ghal mija u disgha u disghin Liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm199.62), u d-difensur tal-konvenut iddikjara li l-bqija ta' l-ammont reklamat qed jigi kkontestat.

Ra l-**affidavit** tal-konvenut bi prospett u dokumenti annessi, ipprezentat waqt l-istess seduta, fejn jaghti r-ragunijiet tieghu ghall-kontestazzjoni tar-rimanenti rcevuti.

Illi rigward ir-ricevuti, il-konvenut jghid illi dwar l-ammonti ta' Lm88.60 u Lm238.73 ma hemm ebda ricevuta pprezentata minn martu u huwa ma ghandux ideja x'jistghu jirrapprezentaw dawn ic-cifri.

Illi dwar ricevuta 1A huwa jghid illi ma jhoss li ghandu jhallas nofs l-ispejjez tal-ispecjalista ghaliex martu baghtet lit-tifel il-kbir Joseph ghal xi martial arts, meta hija kienet taf li l-konvenut ma kienx jaqbel. Konsegwenza ta' dan, it-tifel wegga`, izda huwa lanqas ma kien infurmat b'dan l-incident.

Illi dwar ircevuta 1C il-konvenut jghid illi huwa jixtri regolarment stationery ghat-tfal tieghu, izda martu ma

thallihomx juzawhom. B'hekk huwa jhoss illi ghandu jhallas tal-ktieb biss u mhux tal-istationery wkoll, anki ghaliex l-ammont huwa esorbitanti tenut kont il-bzonnijiet ta' tfal ta' dik l-eta`.

Illi dwar ircevuti 1D, 1E, 2A, 2B, 2C, 2D, 2E, 2G, 3B, 3C, 4A, 5A, 5B, 5C, 5D, 10D, 10E, 10F, 14D, 14E, il-konvenut jghid illi l-attrici ma tatx spjegazzjoni ta' x'inxtara ezatt u ghalhekk ihoss illi ma ghandux ihallashom. Il-konvenut jerga` jghid ukoll illi l-attrici tixtri l-affarijiet kollha u taghmel photocopies ghal privat taghha minghand l-istess hanut.

Illi rigward ircevuta 2F il-konvenut jghid illi jhoss li ma ghandux ihallas l-istationery izda ma hemmx kontestazzjoni rigward il-ktieb. Illi rigward ircevuta 2I il-konvenut jghid illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni, huwa responsabbli ghal spejjez medici li jinghataw fuq preskrizzjoni tat-tabib u ghalhekk ma jhossx li ghandu jhallas dan il-kont.

Illi dwar ircevuta 3E il-konvenut jghid illi t-tifel Michael jattendi l-istess skola fejn tghallem l-attrici u b'hekk hija tista` tiehdu maghha. Illi dwar ircevuti 3F u 3G il-konvenut jghid illi qabel ma hallset id-donations ghall-iskejjel, l-attrici kellha dmir li tikkonsulta mieghu. Kif jisimhom maghhom, hlas ta' donazzjonijiet ma humiex obbligatorji, u dan ikkonfermahulu d-diretturi tal-iskola. Jinghad ukoll illi l-konvenut ghandu c-certezza li dawn id-donazzjonijiet ma hijiex qed thallashom l-attrici izda missierha Anthony Aquilina u dan ghaliex huwa kien jaghmel hekk mill-ewwel sena li attendew l-iskola.

Illi dwar ircevuti 6A u B ma giet prodotta ebda ricevuta fiskali. Illi dwar ricevuta 7B il-konvenuta jghid illi l-preskrizzjoni tat-tabib hija biss ghal tip wahda ta' medicina mhux tnejn u ghalhekk huwa dispost li jhallas biss dik. Illi dwar ircevuta 8E il-konvenut jghid illi l-ircevuta qeghdha f'isem Isabella u ghalhekk ma jahsibx li ghandu jhallasha hu.

Illi l-konvenut jispicca billi ghid illi meta tghodd l-ammont kollu tal-ircevuti mhux kontestati jirrizulta l-ammont ta' €465 gja Lm199.62.

Illi waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2008, l-attrici **Isabella Cilia** in kontro-ezami tghid illi hija ghalliema l-Kullegg ta' Stella Maris. B'referenza ghall-klawsola numru 22 hija tghid illi l-akbar decizjoni li kellha tiehu kienet meta t-tifel il-kbir kellu jibdel l-iskola. It-tifel kien ghadda ghal Stella Maris u ghall-Junior Lyceum u ghazel li jmur Stella Maris fejn ga kien imur huh iz-zghir. Hija tghid li f'dak il-perijodu kienet ippruvat tikkomunika mal-konvenut pero` dak is-sajf kien ghamel xahrejn imsiefer u contact number ma kelliex.

Illi mistoqsija jekk hija gieli kkonsultatx mal-konvenut dwar x'qed tixrtrilhom hija tghid li le. Hija tghid illi kienet irceviet ittra minghand il-konvenut li fiha qalilha li kien qed joggezzjona ghall-fatt illi ntaghzel Stella Maris u kien staqsieha sabiex imur maghha jixtri l-uniformijiet u dak kollu necessarju, izda peress illi kien imsiefer kienet lehqet xtrathom.

Illi l-attrici tghid illi kien hemm okkazzjoni meta t-tifel iz-zghir kien dahal ghal xi kura l-isptar u hija kienet infurmat lill-konvenut. Mistqosija jekk il-konvenut gieli jixtrix oggetti ghat-tfal hija tghid li d-dar qatt ma jasal xejn.

Illi b'referenza ghall-ewwel item a fol 2 tal-process, l-attrici tispjega illi l-ammont ta' Lm88.60 jirreferi ghal donation ta' l-iskola, transport, medicina u 56c stationery (Dok IC). Hija tghid ukoll illi l-ircevuti tathom lill-konvenut bl-idejn fit-18 ta' Mejju ta' l-2005.

Illi dwar it-tieni item a fol 2 tal-process, l-attrici tghid illi kienet baghtet ittra ta' l-Avukat Chris Vella flimkien ma' dokumenti bid-dettalji ta' dak li kienet qed titlob, liema ittra esebiet bhala Dok IC2.

Illi l-attrici tghid ukoll illi minn Stella Maris Juniors kienu jitolbuhom jixtru pack fil-bidu tas-sena li jiswa madwar Lm22, kif ukoll Lm10 li jkunu jkopru karti ta' l-ezami u affarijiet ohra. Hija tispjega wkoll illi meta dahal l-iskola l-

gdida it-tifel il-kbir kien kuljum jigi b'lista ta' affarijiet li kien ikun irid ghal kull suggett gdid, xi tnax jew tlettax-il wiehed, u kien ghalhekk illi kellha bzonn tmur ghand l-istationery daqstant drabi. Tghid ukoll li gieli marret u ma kinitx tinqeda minn kollox u ghalhekk kien ikollha terga` tmur u jirrizultaw zewg ircevuti jew iktar. Hija tispjega illi l-claim taghha hija bbazata fuq ghoxrin xahar u kieku kellha taghmel kalkolu ta' dak li qed titlob ghal stationery, dan jammonta ghal Lm55.56.

**Ikkunsidra ulterjorment** :

Illi qabel xejn dan it-Tribunal jaghmilha cara illi huwa mhux ser jidhol f'xi interpretazzjoni ta' xi klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti jew jiddeciedi dwar xi pretensjoni tal-partijiet dwar u fuq l-istess kuntratt ta' separazzjoni – dak mhux kompitu ta' dan it-Tribunal u jekk xi parti jew ohra ghandha bzonn xi interpretazzjoni ta' xi klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni personali jew addirittura tibdel tali klawsola, dan it-Tribunal mhux il-forum idoneju fejn dan seta` jsir.

Illi din il-kawza hija talba ghall-hlas – u dan li ser jiddeciedi dan it-Tribunal. It-talba ghall-hlas hawnhekk maghmula hija bbazata b'dana kollu fuq il-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti, liema kuntratt jinsab esebit u fi klawsola 10 tieghu, hemm l-obbligazzjoni cara tal-komparenti ragel (hawnhekk konvenut) li jhallas nofs l-ispejjes inkorsi ghall-edukazzjoni kif ukoll nofs l-ispejjes medici tal-wild minuri. Minn naha taghha, l-mara kienet obbligat ruha illi taghti rendikont lir-ragel ta' dawn l-ispejjes u taghtih ukoll kopja ta' dawn l-ispejjes u taghtih ukoll kopja tar-ricevuti fiskali relattivi. Kien gie ulterjorment maqbul illi l-medicini relattivi jridu jkunu koperti minn preskrizzjoni ta' tabib.

Illi l-imsemmi kuntratt sar fid-9 ta' Marzu 2005 u kif tistqarr l-attrici, it-talba taghha hija ghall-ispejjes minnha inkorsi fuq l-ulied minuri (tnejn) minn dak inhar tal-kuntratt sa' Novembru 2006, ossia, perjodu ta' sena u tmien xhur. Huwa ukoll f'dan il-kuntest illi trid titpogga t-talba attrici

ghall-hlas mitlub – li naturalment huwa nofs l-ispejjes maghmula mill-attrici.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u jinnota illi l-ircevuti ppresentati mill-attrici huma fil-maggor parti vasta taghhom fiskali u fuq kollox konnessi ma' spejjes edukattivi u ta' sahha. Dawk li ma humiex fiskali huma relattivi ghat-tobba li ma ghandhomx obbligu illi jirrilaxxjaw ricevuta fiskali. Sa hawnhekk allura it-Tribunal ma ghandu ebda diffikulta` illi jilqa` t-talba attrici.

**Ikkunsidra ulterjorment :**

Illi fir-risposta tieghu l-konvenut ighid biss illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt – b'dan pero` illi jkompli illi dan ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

U hekk ittanta jaghmel il-konvenut – ipprova jiggustifika ir-ragunijiet ghaliex ma ghandux ihallas is-somma mitluba. Filwaqt illi ghamel ezercizzju u wasal sabiex fil-mori tal-kawza hallas parti mis-somma mitluba, dwar il-bilanc rimanenti, ossia €817.73, jibqa` joggezzjona u fl-affidavit dettaljat tieghu jaghti r-ragunijiet ghaliex ma ghandux jigi kkundannat ihallas din is-somma bilancjali.

It-Tribunal ikkonsidra bir-reqqa r-ragunijiet moghtija mill-konvenut ghaliex hu ma ghandux jigi kkundannat ihallas.

Illi dwar l-ewwel raguni tieghu dwar parti mis-somma, ossia illi huwa ma nghatax rendikont u l-attrici ma pprezentat ebda dokument, jirrizulta illi in effetti r-rendikont u l-ircevuti relattivi kienu ntbghatu lilu minn Dr Chris Vella – kopja ta' l-ittra ukoll esebita – u wara li dawn gew esebiti, il-konvenut ma rribbatta b'ebda mod din il-posizzjoni ta' l-attrici, sabiex it-Tribunal jikkonkludi illi ma ghandux ghalfejn jiddubita illi r-rendikont bl-ircevuti wasslu ghand il-konvenut ma' l-ittra legali ta' Dr Vella u r-raguni minnu moghtija hija biss skuza biex ma jhallasx.

Illi dwar ir-ragunijiet l-ohra, b'mod generali u filwaqt illi jaggruppa r-ragunijiet kollha moghtija mill-konvenut biex

jiggustifka n-nuqqas ta’ hlas da parti tieghu, it-Tribunal ihoss opportun illi jelenka is-segwenti konsiderazzjonijiet :

Il-konvenut qieghed evidentament jippika u jippilla u jfittex ix-xaghra fl-ghagina biex jittanta jiggustifka n-nuqqas ta’ hlas da parti tieghu, minflok ma jkun prattiku, japprezza li l-omm attrici setghet hadet inizjattiva favur l-ahjar interess tal-minuri u jikkoopera billi johrog s-sehem tieghu fl-ispejjes relattivi.

Hekk per ezempju mhux accettabbli ghat-Tribunal li jonqos milli jhallas spejjes medici ghax it-tifel wegga` waqt attivita` sportiva extra-kurrikulari li l-konvenut ma kienx approva illi jattendi.

Mhux accettabbli lanqas li ma jhallasx ghall-ispejjes ta’ stationary ghax ighid illi huwa xtara stationary u l-attrici ma thallix lit-tfal jaghmlu uzu minnhom.

Min jallega irid jipprova – u filwaqt illi l-konvenut allega illi l-attrici taghmel photocopies ghaliha nniffisha sabiex taghti l-privatijiet u l-kontijiet relattivi titlob nofshom mill-konvenut, dan ma rnexxilux jippruvah. L-attrici din l-allegazzjoni cahditha – u minn naha tieghu l-konvenut ma rnexxilux jipprova din l-allegazzjoni.

Illi tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tal-provi kollha prodotti, tax-xhieda kollha mismugha u tad-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal huwa ghalhekk propens illi b’ekwita` jilqa` t-talba attrici.

Kif jinghad qabel anke meta tqis illi spejjes ta’ parti wahda fuq zewg ulied, inkluzi spejjes edukattivi u ta’ sahha, ghall-perjodu ta’ sena u tmien xhur, li jfisser fost ohrajn sentejn skolastici, almenu zewg fazijiet ta’ mard u irjiehat/influwenza li jbaghtu minnha partikolarment it-tfal, oltre` spejjes ohra kurrikulari u extra-kurrikulari li t-tfal u t-trobbija taghhom iggib maghha, it-Tribunal assolutament ma jhossx illi t-talba attrici hija wahda esagerata – filwaqt illi jhoss illi dak offert u mhallas mill-konvenut fil-mori tal-kawza huwa baxx wisq fid-dinja tal-llum meta t-trobbija tat-tfal qed issir dejjem aktar gholja. Il-konvenut ma

ghandux jippretendi illi €465 ghall-ispejjes edukattivi u medici fuq zewg it-tfal ghall-perjodu ta' sena u tmien xhur huwa wiehed ragjonevoli u jmissu jaf ahjar illi l-ispejjes ghat-trobbija tat-tfal huma ferm aktar minn hekk.

F'cirkostanzi normali b'dana kollu u minkejja l-ispejjes kollha, it-trobbija tat-tfal tibqa` sabiha wisq u l-kontendenti ghandhom jifmhu, illi anke jekk u minkejja l-fatt illi z-zwieg taghhom tfarrak – huma ghandhom jaraw illi jgawdu kemm jistghu, fic-cirkostanzi, it-trobbija tat-tfal taghhom. Kull parti ghandha zzomm f'mohha illi t-tfal ma jahtu xejn fir-relazzjoni tal-kontendenti u l-obbligi tal-kontendenti fil-konfront tat-tfal, anke bl-istess ftehim ta' separazzjoni, jibqa` jinkombi fuq iz-zewg partijiet indaqs. Kull piki u tilwim fuq it-tfal huwa dejjem inutili u ghandu ghalhekk dejjem jkun evitat.

U dan igib lit-Tribunal ghall-istqarrija illi ghamlet l-attrici meta kienet qed tixhed u qalet illi ppruvat tikkomunika mal-konvenut u ma rnexxiliex – u dan fil-kuntest ta' meta t-tifel ghazel l-iskola Stella Maris.

Deher evidenti anke mill-atteggjament tal-partijiet f'din il-kawza, u t-Tribunal dan seta` jinnotah tajjeb, illi bejn il-kontendenti hemm nuqqas kbir ta' komunikazzjoni. Mhux accettabbli ghat-Tribunal, li f'dawn iz-zminijiet ta' telephones, mobiles, internet u e-mails fost ohrajn, li jaghmlu d-dinja tant zghira, wisq aktar din in-naqra ta' gzira, parti tghid illi ppruvat tikkomunika mal-parti l-ohra (genitur) u ma rnexxiliex. Filwaqt illi atteggjament bhal dan ghandu jigi skorraggit, it-Tribunal, b'ekwita` ma jhossx illi ghandu b'daqshekk jiggustifika l-pretensjoni tal-konvenut illi ma jhallasx. B'dana kollu ser jiehu nota ta' dan meta jiddeciedi dwar l-ispejjes ta' din il-kawza, u dan peress illi in effetti komunikazzjoni aktar sahna, denja u civili bejn il-kontendenti tista` twassal lill-istess sabiex jevitaw dawn il-proceduri u konsegwentament spejjes giudizzjarji.

It-Tribunal jaf u jifhem illi uhud minn dawn l-ahhar konsiderazzjonijiet seta` ghadda minghajrhom u kien jasal ghall-istess konkluzjonijiet. Izda hass illi din id-decizjoni ghandha twassal mhux biss ghad-determinazzjoni ta' din

il-pendenza, izda ukoll forsi tkun ta' ghajnuna sabiex il-partijiet ma jkollomx ghalfejn jergghu jirrikorru l-Qorti dwar kwistjonijiet relatati mat-tfal.

Ghaldaqstant, tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet kollha maghmula, u wara illi ha konjizzjoni tax-xhieda kollha u tad-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi, filwaqt illi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma bilancjali ta' tmien mija u sbatax il-Euro u tlieta u sebghin centezmu (€817.73) u dan wara illi tnaqqas l-ammont mhallas fil-mori tal-kawza, bl-imghax fuq din is-somma mid-data tal-presentata ta' l-Avviz.

Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, l-ispejjes ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenut u kwart (1/4) mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------